MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 87/2015

**GO p.l.c.**

**Vs**

**K3 Company Limited [C-7097]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elfejn sebgha sebgha u tletin euro u dsatax-il centezmi ta' euro [€2737.19c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-socjeta konvenuta ghandhha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn, seba' mija u sebgha u tletin ewro u dsatax-il centezmi (€2737.19) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C10015310 u A/C10016723

moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 – prospett ghall-akkont bin-numru A/C10015310 u Dok IZY 2 – ftehim ghall-akkont bin-numru A/C10015310; Dok IZY 3 – prospett ghall-akkont bin-numru A/C10016723 u Dok IZY 4 – ftehim ghall-akkont bin-numru A/C10016723; Dok IZY 5 – estratt mir-Registru tal-Kumpaniji.

Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata fl-20 ta' Marzu, 2015.

Ra li fis-seduta tal-lum deher George Pace in rapprezentanza tas-socjeta intimata assistit mill-Avukat Dottor James D'Agostino.

Ra n-nota ta' ammissjoni pprezentata llum stess;

Ra li s-socjeta intimata talbet li hija tinghata l-opportunita sabiex thallas l-ammont reklamat f'pagamenti mensili, liema talba ma gietx opposta mis-socjeta rikorrenti.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata tas-somma ta’ elfejn sebgha sebgha u tletin euro u dsatax-il centezmi ta’ euro [€2737.19c] in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C10015310 u A/C10016723.

Ikkunsidra;

2. Is-socjeta intimata resqet nota ta’ ammissjoni llum stess.

3. L-Avukat Dottor James D’Agostino ghas-socjeta intimata talab li hija tinghata l-opportunita sabiex thallas l-ammont reklamat f’pagamenti mensili, liema talba ma gietx opposta mis-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista tal-ammissjoni tas-socjeta intimata, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elfejn sebgha sebgha u tletin euro u dsatax-il centezmi ta’ euro [€2737.19c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data minn meta kull ammont kien sar dovut sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tat-talba maghmula mis-socjeta intimata u in vista tal-fatt li s-socjeta rikorrenti ma opponietx ghal istess, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas mis-socjeta intimata fl-ammont ta' mitt euro (€100) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fl-1 ta' Gunju, 2015 u sussegwentement fl-ewwel jum ta' kull xahar. F'kaz li s-socjeta intimata tonqos milli thallas pagament wiehed, allura l-ammont bilanċjali kollu li jkun ghadu dovut jiġi dovut immedjatament u konsegwentement hija titlef il-beneficcju tat-terminu lilha konċess.

L-ispejjez kollha huma a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------